# OPPORTUNITÀ GĦALL-PUBBLIKU BIEX IŻUR VILLA PORTELLI TUL WEEKEND SĦIĦ

Heritage Malta

**Stqarrija | 10 ta' Ottubru 2023**

Heritage Malta se tiftaħ il-bibien ta' Villa Portelli għall-pubbliku f'open weekend li se jsir fl-14 u fil-15 ta' Ottubru, fejn ir-residenti tal-Kalkara, il-komunità tal-Kottonera u l-pubbliku ġenerali se jkollhom l-opportunità li jaraw mill-qrib din ir-residenza impressjonanti li dan l-aħħar ġiet fdata mill-Gvern f'idejn l-aġenzija biex tirrestawraha u tagħmilha aċċessibbli għat-tgawdija tal-pubbliku.

Mifruxa fuq erba' tomniet, Villa Portelli, fil-Kalkara, hija parti mil-legat storiku ta' Malta. Fl-imgħoddi, il-villa kienet isservi bħala residenza għal personaġġi influwenti fi żmien il-ħakma Ingliża. Ladarba tkun restawrata, se toffri esperjenza multisensorjali fis-swali tagħha kif ukoll spazju għar-rilassament permezz tal-ġonna sbieħ li jdawruha. Uħud mill-kmamar tal-villa se jinbidlu f'uffiċini u spazji li se jintużaw minn Heritage Malta u mill-Kunsill Lokali tal-Kalkara.

L-open weekend ġie ppjanat b'mod li joffri ħarġa għall-familja kollha, mimlija avvenimenti u attivitajiet li jipprovdu tagħlim u divertiment fl-istess ħin. Il-viżitaturi se jsibu avventuri eċċitanti ta' realtà virtwali, grazzi għat-taqsimiet ta' Heritage Malta li jieħdu ħsieb id-Diġitizzazzjoni u l-Wirt Kulturali ta' Qiegħ il-Baħar. Rappreżentanti ta' Wirt il-Kalkara u Heritage Malta se jagħtu taħditiet dwar l-istorja tal-Kalkara u dwar Villa Portelli f'ħinijiet speċifiċi matul il-weekend.

Konservaturi ta' Heritage Malta se jagħtu lill-pubbliku l-opportunità li jsegwihom huma u jikkonservaw artefatti. Se jsiru sessjonijiet ta' xogħol tal-bizzilla, u min jixtieq jista' jipprova joħloq biċċa bizzilla hu stess taħt il-gwida ta' persuna tas-sengħa. Dawk li għandhom tifkiriet personali ta' Villa Portelli, jew trabbew jisimgħu lil qrabathom jirrakkontaw stejjer dwar il-villa, qed jiġu mistiedna biex jaqsmu dak li jiftakru f'dik li qed tissejjaħ il-Kamra tat-Tifkiriet. Barra minn hekk, l-open weekend se joffri l-faċilità ta' one-stop shop għall-passaporti ta' Heritage Malta għall-anzjani u l-istudenti, sħubija f'Heritage Malta, u bosta pubblikazzjonijiet tal-aġenzija.

It-Taqsima tal-Edukazzjoni u l-Outreach fi ħdan Heritage Malta se żżomm lit-tfal medhijin f'diversi attivitajiet kreattivi, żewġ każini tal-banda tal-Kalkara se jesebixxu strumenti tipiċi tal-festi u oġġetti oħra, filwaqt li l-Klabb tar-Regatta tal-Kalkara se jkollu għall-wiri dgħajsa u trofej. Il-ġonna tal-villa se jipprovdu post trankwill għal waqtiet ta' rilassament, u se jkun hemm ikel u xorb għall-bejgħ. Is-Sibt se jkun hemm is-Sea Cadets u rappreżentanti ta' Project Green b'informazzjoni għall-pubbliku u attivitajiet għat-tfal. Il-Ħadd 15 ta' Ottubru fl-10:00 se tiġi ċċelebrata quddiesa.

Ftit jiem biss qabel l-open weekend, membri tal-management ta' Heritage Malta dawru ma' Villa Portelli lill-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali, Owen Bonnici. Huwa faħħar l-isforzi ta' Heritage Malta biex siti bħal Villa Portelli jiġu

restawrati u qal li l-Gvern huwa impenjat li jkompli b'inizjattivi mmirati lejn il-preservazzjoni, ir-restawr, u r-riabilitazzjoni ta' siti storiċi fuq bażi regolari.

Iċ-Chairman ta' Heritage Malta, Mario Cutajar, qal li l-patrimonju li jasal għand Heritage Malta, bħal Villa Portelli, irid jintgħarbel, jiġi interpretat u jingħata r-ruħ biex jgħix magħna llum. Dan huwa dak li Heritage Malta trid tfisser meta tgħid li l-patrimonju tagħna huwa 'parti minna'. Il-patrimonju jkun tassew parti minna meta ngħaqqduh mal-lum biex nifhmu aktar is-soċjetà li ngħixu fiha, qal is-Sur Cutajar filwaqt li ħabbar li Villa Portelli se tkun wieħed mis-siti li se jintużaw għal maltabiennale.art 2024.

Il-Kap Eżekuttiv ta' Heritage Malta, Noel Zammit, qal li l-open weekend f'Villa Portelli għal darba oħra jixhed l-impenn tal-aġenzija biex tagħmel il-patrimonju nazzjonali aċċessibbli għal kulħadd. Dan l-avveniment huwa biss togħma ħafifa tal-bosta opportunitajiet li Villa Portelli se toffri lill-komunità ladarba terġa' tingħata l-ħajja bir-restawr li se jsirilha.

Is-Sindku tal- Kalkara, Wayne Aquilina, qal li Villa Portelli hija binja prestiġjuża li hu u l-Kalkariżi huma lkoll kburin biha. Filwaqt li esprima l-kuntentizza tiegħu għall-fatt li l-villa issa qed tingħata l-attenzjoni li jixirqilha, huwa qal li l-open weekend se jkun opportunità għall-Kalkariżi biex japprezzaw aktar lil Villa Portelli kif ukoll stedina għall-pubbliku ġenerali biex iżur il-Kalkara u jiskopri iżjed l-identità ta' dan ir-raħal u dak li għandu x'joffri.

Aktar tagħrif dwar l-Open Weekend f'Villa Portelli jinsab hawn: https://heritagemalta.mt/whats-on/villa-portelli-open-weekend/